Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Marzu 2019
(OR. en)

7197/19

Fajl Interistituzzjonali:
2019/0060 (NLE)

FRONT 99
COWEB 43

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/…

ta'…

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-punti (b) u (d) tal-Artikolu 77(2) u l-punt (c) tal-Artikolu 79(2), flimkien mal-punt (a)(v) tal-Artikolu 218(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew[1],

[1] Kunsens ta'… (għadu ma ġiex ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

(1) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/…[1+] il-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina ("il-Ftehim") ġie iffirmat fi ... ..[++], soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

(2) Bħala riżultat tal-Ftehim, it-timijiet Ewropej ta' Gwardji tal-Fruntiera u tal-Kosta, skont il-pjan operazzjonali, jistgħu jiġu mmobilizzati malajr fuq it-territorju tal-Bożnija-Ħerzegovina, jirreaġixxu għall-bidla attwali fil-flussi migratorji lejn ir-rotta kostali, jassistu fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni u jiġġieldu kontra t-traffikar ta' migranti irregolari.

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/… ta'… dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, dwar il-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-BożnijaĦerzegovina (ĠU L …)

[+] ĠU: Jekk jogħġbok daħħal in-numru tad-deċiżjoni fid-dokument st7195/19 u imla n-nota ta' qiegħ il-paġna korrispondenti.

[++] ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-iffirmar ta' dan il-Ftehim.

(3) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li r-Renju Unit ma jiħux sehem fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE[1]; għaldaqstant ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhuwiex marbut biha jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha.

(4) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE[2]; għaldaqstant l-Irlanda mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/365/KE tad-29 ta' Mejju 2000 dwar it-talba tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq biex jieħdu parti f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (Ġ.U. L 131, 1.6.2000, p. 43).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 dwar it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (Ġ.U. L 64, 7.3.2002, p. 20).

(5) F’konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qiegħda tieħu sehem fl-adozzjoni ta’ din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew marbuta bl-applikazzjoni tagħha. Ladarba din id-Deċiżjoni tibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill ikun iddeċieda dwar din id-Deċiżjoni jekk hijiex ser timplimentaha fil-liġi nazzjonali tagħha.

(6) Il-Ftehim għandu jiġi approvat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar l-Istatus bejn l-Unjoni Ewropea u l-Bożnija-Ħerzegovina dwar azzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta fil-Bożnija-Ħerzegovina , huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem l-Unjoni, jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 11(1) tal-Ftehim.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President